MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Rikors Numru. 21/2004

**St. George's Park Company Limited**

**vs**

**Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, ir-Registratur tal-Qorti u l-P.L. Edgar Montanaro**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fl-14 ta' Jannar, 2004, li in forza tieghu wara li ecepiet illi:

Is-socjeta' esponenti St. George's Park Company Limited ntavolat proceduri gudizzjarji fl-ismijiet *St. George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et* (Citazzjoni Numru 1908/00GV), liema proceduri huma pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell:

Dawn il-proceduri jinvolvu talba lill-Qorti tiddikjara illi bl-agir taghha, is-socjeta’ konvenuta kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt lokatizju vigenti bejn il-partijiet datat 15 ta’ Ottubru, 1988. Konsegwentement, intalbet ukoll ir-rizoluzzjoni tal-kirja skond it-termini tal-istess skrittura ta’ lokazzjoni u l-izgumbrament tal-konvenuti fi zmien qasir u perentorju. Intalbet ukoll il-likwidazzjoni ta’ ammont dovut bhala penali skond il-kuntratt lokatizju, kif ukoll il-hlas ta’ l-imsemmija penali. (Dokument A, kopja tac-citazzjoni, Dokument B ta’ l-eccezzjonijiet, Dokument C kopja ta’ l-iskrittura ta’ lokazzjoni).

L-esponenti kienet rapprezentata f’dawn il-proceduri mill-intimati Dr. Noella Grima u Dr. Hugh Peralta, pero’ waqt is-smiegh tal-kawza dawn irrinunzjaw ghall-patrocinju tar-rikorrenti.

Permezz ta’ ittra ufficcjali datata 15 ta’ Dicembru, 2003 u notifikata fit-22 ta’ Dicembru, 2003 l-intimati interpellaw lir-rikorrenti thallas is-somma ta’ disat elef hames mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u hamsin centenzmu (Lm9,541.55) drittijiet u VAT, bhala drittijiet ghall-prestazzjonijiet professjonali fil-kawza *St. George’s Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et*, citazzjoni numru 1908/00GV u dana skond taxxa annessa ma’ l-istess ittra ufficjali (Dokument D).

Id-dritt ta’ avukat u prokuratur legali li jabbanduna l-klijent wara li jinghalqu l-proceduri bil-miktub imma qabel mal-kawza tigi mhollija ghas-sentenza ghandu jkun zewg terzi (2/3) tat-tariffa stabbilita kif inhu l-kaz.

L-esponenti tixtieq tattakka din it-taxxa bhala irregolari u konsegwentement inattendibbli.

Fl-opinjoni tal-esponenti huwa pacifiku li ntaxxar tad-drittijiet tal-kawzi ghandu jigi regolat mill-Iskeda A u E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sakemm il-klijent u l-avukat ma jkunx ftiehem li jithallas b’rati ohra permessibbli mill-ligi (ara artikolu 47a tal-Iskeda E).

Meta t-tariffi jinkludu drittijiet varjabbli b'minimu u massimu ir-Registratur ghandu jistabilixxi tali rati skond il-kriterji misjuba fil-Kodici tal-Etika u Mgieba ghall-Avukati (ara artikolu 46 tal-Iskeda E).

Il-punti principali ta' dan ir-rikors huma s-segwenti:

1. Illi galadarba l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti taxxa finali ta' drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza; u

2. Illi l-metodu ta' intaxxar uzat mir-Registrat kien erronju u irregolari; u ma saret ebda referenza ghall-Kodici tal-Etika u Mgieba tal-Avukati bhala kriterju li ntuza ghall-intaxxar tal-kawza.

1. <u>Taxxa ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma il-kawza tigi deciza.</u>

It-Taxxa rilaxxjata mill-konvenut Registratur tal-Qrati hija intestata "Taxxa ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji ta' Dr. Noella Grima/Dr. H. Peralta f'ismijiet ta' kawza Numru 1908/00 St. George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et" u dan *specifikament tar-rinunzja patrocinju skond skeda A, Tariffa E para. 33 tal-Kap. 12 u dan ghal kull effett u fini tal-ligi. Rilaxxjat lil Dr. Grima"*. Ghalfejn giet inkluza l-ahhar frazi jibqa' jafu min kitibha biss.

Il-para. 33 imsemmi hawn fuq jiddisponi li fil-kaz li avukat jitlaq il-klijent jew jigi abbandunat mill-klijent wara li r-rikors, ic-citazzjoni, in-nota ta' l-eccezzjonijiet jew ir-risposta, tkun giet pprezentata, u wara dawn l-istadji ta' hawn fuq izda qabel ma tigi differita l-kawza ghas-sentenza, ikun intitolat ghal zewg terzi tad-*<u>dritt normali</u>*. Dan ifisser li kull taxxa li tigi rilaxxjata lill-avukat tippresupponi l-ezistenza tad-*"dritt normali"*.

L-unika interpretazzjoni logika ta' *"dritt normali"* f'dan il-kontest ma tistax tkun ghajr riferenza specifika ghal dak id-dritt li fin-normalita' tal-kazijiet jigi intaxxat fl-ahhar ta' l-gudizzju. Ikun f'dak l-istadju li t-tassazzjoni tad-drittijiet

maghmula mir-Registratur tista' tigi attakkata quddiem il-qorti fil-konfront ta' l-interessati kollha kif tiddisponi l-ligi. Qabel ma tigi deciza l-kawza d-drittijiet jibqghu suxxettibbli ghal varjazzjoni u jistghu qatt ikunu finali.

Fil-kaz prezenti anqas ma jista' jinghad li l-konvenut Registratur irrilaxxja taxxa lill-konvenuti l-ohra li turi drittijiet ta' zewg terzi ta' dak li fil-fehma tieghu ghandu jkun id-dritt normali u m'hux ta' dak li effettivament huwa d-dritt normali kif trid it-tariffa, imma l-istess konvenut Registratur agixxa fuq nota maghmula abbuzivament mill-konvenuti l-ohra f'isem is-socjeta' esponenti minghajr il-konsapevolezza taghha u minghajr anqas l-adezjoni tal-kontroparti kif ghandu jsir u fil-fatt normalment issir. Anqas ma seta' l-konvenut Registratur jagixxi fuq l-imsemmija nota ghaliex din kienet dikjarazzjoni ta' valur involut fil-kawza *come ceduta* meta fil-fatt il-kawza kienet u ghadha qed tinstema'.

Ghal kull buon fini jigi dikjarat li effettivament il-kawza giet sussegwentement deciza fis-26 ta' Frar, 2003 u giet appellata fl-14 ta' Marzu, 2003 mis-socjeta' esponenti.

2. <u>Metodu Erronju u Rregolari.</u>

Pero' l-konvenut Registratur mhux biss hareg taxxa li ma setghax johrog ghax ma kellux il-bazi li fuqha seta' johrog, imma anke' ntaxxa ammont verament hazin.

A. Legalment

Nhar il-11 ta' April, 2002, l-intimati Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Grima pprezentaw nota f'isem ir-rikorrenti li fiha ddikjaraw li ghall-finijiet ta' taxxa *come ceduta* il-valur tal-penali fit-talbiet tac-citazzjoni huwa ta' Lm113,800, ikkalkulat bil-mitejn lira (Lm200) kuljum mid-19 ta' Settembru, 2000 sal-10 ta' April, 2002.

Din in-nota giet pprezentata *ad insaputa* tar-rikorrenti u minghajr il-permess taghha.

Anke jekk wiehed jaccetta dan il-valur tal-penali, jidher car li t-taxxa li qed tigi attakkata ma gietx ikkalkulata biss fuq il-bazi ta' dan il-valur, *stante* li jekk wiehed japplika l-Artikolu 13 tat-Tariffa E tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili id-drittijiet jammontaw ghal elf tlett mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm1373), li biz-zewg terzi jammontaw ghal disa' mija u hmistax-il lira u tlieta u tletin centezmu (Lm915.33).

Jidher ghalhekk li it-taxxa kkontestata giet ikkalkulata billi inghadd iz-zmien rimanenti tal-kirja li taghha qed tintalab ir-rizoluzzjoni, mal-kera li ghandu jithallas u sussegwentement gie applikat dak li jipprovdi l-artikolu 13 tal-Iskeda E fuq riferita.

Jinghad li waqt li t-Tariffa A tiddetermina d-drittijiet li jithallsu r-Registru, it-Tariffa E tiddetermina d-drittijiet tal-avukat u prokuraturi legali. Iz-Zewg tariffi huma komplementarji.

Huwa universalment accettat li meta tkun se tigi ntavolata kawza ta' din in-natura, meta l-valur huwa ndeterminat ghandhom japplikaw ir-regoli misjuba fl-artikolu 4 tal-Iskeda A. ie

*"(1) Meta l-valur tat-talba ma jkunx cert jew likwidu u ma jistghux jigu ntaxxati d-drittijiet skond l-paragrafu 3, il-valur tat-talba jigi ntaxxat skond ir-regoli li gejjin".*

Skond is-subinciz (f) li huwa applikabbli ghall-kaz, f'kawza fejn l-attur *"ikollu xi dritt kontra xi persuna ohra, liema dritt wiehed ghandu ragonevolment jassumi li jigi segwit minn likwidazzjoni ta' l-ammont dovut"*, u kemm, jekk le, l-valur tal-kawza jigi stabbilit mill-attur mat-talba tieghu.

Mill-faccata tac-citazzjoni jidher car u manifest li l-kawza giet ntaxxata skond tariffi applikabbli fil-2000 bhala wahda dikjaratorja u ghalhekk thallas dritt ta' Registru ta' erbgha u ghoxrin lira (Lm24);

Fil-fatt u skond l-istess artikolu 4, subinciz (3) dan il-valur jista' jinbidel biss **mill-Qorti** jekk **wara s-sentenza finali** l-

Qorti tkun ddikjarat jew illikwidat ammont bhala valur tal-kawza u dak il-valur huwa cert jew jista’ jigi llikwidat skond il-ligi.

Hlief ghal dan id-dispost skond l-artikolu 9(2) it-taxxa tar-registratur tkun finali.

Fid-dawl tas-suespost, il-valur tal-penali qatt ma seta jigi determinat jew dikjarat f’nota mill-intimati qabel tmiem il-proceduri.

*Inoltre* jigi rilevat illi l-Qorti tal-Prim’Istanza cahdet it-talbiet attrici, u ghalhekk ma llikwidatx l-ammont mitlub mill-attrici bhala penali. Fi kwalunkwe kaz, ghadha ma nghatatx sentenza finali *stante* li l-proceduri ghadhom pendenti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell.

Ghalhekk huwa sottomess li galadarba ma jistax jigi applikat id-dispost tal-artikolu 14 tal-Iskeda E dwar drittijiet dovuti lill-avukati *stante* li valur tal-kawza mhux determinat jew determinabbli ghandu japplika l-artikolu 15 (a) fejn jithallas dritt ta’ bejn ghaxar liri (Lm10) u mitt lira (Lm100).

Peress li *si tratta* ta’ drittijiet li fihom massimu u minimu r-Registratur kien obbligat skond artikolu 46 tat-Tariffa E japplika l-principji misjuba fil-Kapitolu 4, paragrafu 2 tal-Kodici tal-Etika tal-Avukati.

B. Fattwalment u ragonevolment.

Jigi relevat l-ewwelnett li f’kaz fejn il-valur tal-kawza huwa indeterminat, il-valur li jinghata lill-kawza ghandu jkun wiehed ragonevoli li jigi determinat fid-dawl tac-cirkustanzi kollha tal-kawza:

“Meta mill-massa litigjuza jkun jidher x’kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, *cioe’* ghandu jigi studjat u ezaminat x’ikun l-oggett taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta’ dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-*‘Quod disputatum est’*, li jista’ jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-

istess trattazzjoni tal-process; u ghal dana l-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet orali, u *"multo magis"* l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux imbaghad finalment milqugha jew michuda. (Leslie Grech noe vs Frank Abela et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25/01/2002)".

Huwa koncess li l-lokazzjoni li taghha qed tintalab r-rizoluzzjoni hi wahda ta' terminu ta' sitta u disghin sena li bdiet minn Ottubru 1988 kif ukoll li l-kera hu ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) kuljum li joghla skond il-paga minima nazzjonali.

Jigi sottomess li l-valur ma jistax jigi ddeterminat billi wiehed jikkomputa s-snin li ghad fadal mal-kera li ghandu jithallas ghaliex dan jmur kontra kull principju ta' valutazzjoni. Ezempju car huwa dak ta' cens perpetwu li ghal skopijiet ta' valur sabiex jinfeda jigi kkapitalizzat bil-hamsa fil-mija (5%). Huwa pacifiku li cens huwa titolu ferm aktar b'sahhtu f'sens legali minn dak ta' kera, allura kif jista' jinghad li t-taxxa ta' risoluzzjoni ta' kuntratt ta' kera huwa oghla minn dak ta' kuntratt ta' cens?

Ghaldaqstant r-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghogobha thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet ghas-somma ta' disat elef hames mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm9,541.55) drittijiet u VAT, ghall-prestazzjonijiet professjonali fil-kawza *St. George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et*, citazzjoni numru 1908/00GV, lilha notifikata permezz ta' ittra ufficjali notifikata fit-22 ta' Dicembru, 2003.

Rat ir-risposta mressqa mill-Prokuratur Legali Edgar Montanaro li biha wiegeb illi:

Hu gie notifikat bl-atti tar-rikors numru 21/04TM fejn jidher bhala wiehed mill-intimati;

Dan ir-rikors sar mis-socjeta' St. George's Park Co Ltd kontra z-zewg Avukati, li kienu jippatrocinawha, r-

Registratur tal-Qorti u l-esponent fil-kawza 1908/00 wara li saret ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 2003 (Dok D);

L-esponent jixtieq jirrileva illi hu ma huwiex parti fl-imsemmija ittra ufficcjali u l-anqas ma irrinuncja ghal patrocinju tas-socjeta' attrici;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi hu ghandu jigi liberat mil-osservanza tal-gudizzju;

Bl-ispejjez ghas-socjeta' rikorrenti.

Rat ir-risposta mressqa minn Dr. Noella Grima u minn Dr. Hugh Peralta li biha wiegbet illi:

Il-kwistjoni involuta f'dan ir-rikors hija dwar it-tassazzjoni tad-drittijiet ghall-prestazzjoni professjonali mill-esponenti lill-intimati fil-kawza fl-ismijiet St. Georges Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et citazzjoni numru 1908/00GV.

L-esponenti kienet tippattrocinja lill-intimati izda irrinunzjat ghall-patrocinju tal-istess intimati waqt is-smiegh tal-kawza, wara li inghalqu l-proceduri bil-miktub izda qabel mal-kawza giet mhollija ghas-sentenza.

Permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, u notifikata fit-22 ta' Dicembru, 2003, l-esponenti interpellat lill-intimati thallas is-somma ta' disat elef hames mija wiehed u erbghin lira Maltin hamsa u hamsin centezmu (Lm9541.55) ghall-prestazzjonijiet professjonali fl-istess kawza hawn fuq imsemmija, skond taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti u VAT.

Permezz tar-rikors fl-ismijiet hawn fuq premessi, l-intimati qeghdin jattakkaw it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti ghar-rigward tad-drittijiet professjonali tal-esponenti.

Ir-rikors tal-intimati huwa bbazat fuq zewg punti principali:

(1) Il-fatt li la darba l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti, taxxa finali ta' drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza;

(2) Il-metodu ta' intaxxar uzat mir-Registratur huwa erronju u irregolari; u ma saret l-ebda referenza ghall-Kodici tal-Etika u Mgieba tal-Avukati.

**(1) TISTA TAXXA TIGI IKKALKULATA QABEL TIGI DECIZA L-KAWZA?**

L-esponenti tisottometti li l-argument tal-intimati li la darba l-kawza in kwistjoni ghadha pendenti quddiem il-Qorti, taxxa finali ta' drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza, huwa nfondat u bla bazi. Avukat li jirrinunzja ghall-patrocinju tal-klijent tieghu ghandu dritt jithallas meta jittermina l-inkarigu tieghu tant li avukat iehor ma ghandux jaccetta inkarigu meta dan ikun gie moghti lill-avukat iehor, jekk ma jkunx cert li l-avukat precedenti gie mhallas skond il-ligi u dan wkoll a bazi tal-Kodici ta' Etika u Mgiba ghall-avukati. Din hi wkoll prassi etikament korretta u ben stabilita fil-prestazjonijiet professjonali tal-Avukati fil-kamp extra-gudizzjali. Inoltre il-hlas hu dovut appena s-servizz jinghata u jew l-inkarigu jispicca jew jigi terminat. Dan hu wkoll applikat f'kazijiet ohra simili, per ezempju l-appalt. Taghmel wkoll sens li taxxa tirrifletti l-hlas dovut sal-perjodu tal-prestazjonijiet; altrimenti, jekk per ezempju tinhareg meta tispicca il-kawza tigi li tirrifletti hlas dovut ghall-servizi mhux moghotija (i.e. ghall-perjodu wara li l-inkarigu jispicca). Ghaldaqstant ir-Registratur tal-Qorti kellu kull dritt – anzi kellu l-obbligu – jirrilaxxa it-taxxa in kwistjoni lill-esponenti.

Jigi rilevat illi l-intimati stess kienu accettaw u qablu li jhallsu d-drittijiet professjonali tal-esponenti hekk kif jinhargilhom il-kont.

<u>VALUR TAL-PENALI</u>

L-intimati qed jallegaw illi l-esponenti prezentat nota fejn iddikjarat il-valur tal-penali *"ad insaputa"* tar-rikorrenti u minghajr il-permess taghha. Illi l-esponenti tirrispingi tali

allegazjoni *stante* illi dan mhux minnu kif jirrizulta u jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kaz.

**(2) METODU TA' INTAXXAR**

Kif qalu ben tajjeb l-intimati fir-rikors taghhom d-drittijiet tal-avukati u l-prokuraturi legali huma determinati minn Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm il-klijenti u l-avukat ma kienux ftehmu li jithallas b'rati ohra permissibli mill-ligi.

L-esponenti tissottometti illi t-taxxa in kwistjoni hija koretta. It-tassazzjoni fil-kaz odjern ghandha tigi mibnija fuq paragrafu 14 u 13 ta' Tariffa E tal-Iskeda A. Fil-fatt it-taxxa in kwistjoni giet mahduma, ghall-finijiet ta' rinunzja tal-patrocinju skond il-ligi kif trid it-tariffa kif spiegat ahjar hawn taht. *"Dritt normali"* kif imsemmi f'para 33 ta' Tariffa E Skeda A tal-Kap 12, jfisser dritt mahdum skond il-ligi u mhux dritt intaxxat fl-ahhar tal-gudizzju kif qed jsostnu l-intimati. In oltre ir-Registratur agixxa fuq valur ta' penali skond nota prezentata mill-esponenti fuq l-awtorizazzjoni tal-intimati stess.

Paragrafu 14 ta' Tariffa E jipprovdi illi: *"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma valur determinat jew* ***determinabbli skond il-ligi jew mill-process****, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit".*

Paragrafu 13 hawn fuq imsemmi imbaghad jipprovdi illi: Ghal kull sentenza definittiva:

(i) dwar l-ewwel Lm500 jew parti minnha…20.00,0 bhala l-inqas jew 10% skond liema jkun l-oghla;

(ii) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel Lm500 sa Lm10,000 ghal kull Lm100…Lm3

(iii) dwar kull valur 'il fuq minn Lm10,000 ghal kull Lm100…Lm1.

Kif qalu ben tajjeb l-intimati dritt ta' avukat u prokuratur legali li jabbanduna l-klijent wara li jinghalqu l-proceduri bil-miktub izda qabel mal-kawza tigi mhollija ghas-sentenza huwa zewg terzi tad-dritt normali, skond para 33 fuq imsemmi.

<u>VALUR DETERMINAT</u>

Il-kawza numru 1908/00GV, fuq imsemmija li fuqha nharget it-taxxa tirrigwarda terminazzjoni ta' kirja qabel iz-zmien *stante* ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt lokattizju relativ mill-konvenuti fl-istess kawza. Konsegwentement l-atturi fl-istess kawza talbu ir-rizoluzzjoni tal-kirja, l-izgumbrament tal-konvenuti f'zmien qasir u perentorju u l-likwidazzjoni u hlas ta' penali skond l-istess kuntratt lokattizju.

L-esponenti tisottometti li l-intimati mhumiex korretti meta jghidu illi il-valur tal-kawza in kwistjoni huwa ndeterminat. Artikolu 748 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi *"Il-valur ta' l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba-*

*(b) meta t-talba hija ghall-haga li l-valur taghha hu determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni jew f'xi kitba ohra li torbot lill-partijiet…"* Mela il-valur ta' din il-kawza huwa determinat fil-kuntratt ta' kera li ta' kawza ghall-azzjoni tal-intimati.

Fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Axiak vs Avukat Dr. Giuseppe Vella 9/2/1951, L-Onorabbli Prim'Awla qalet:

*"Meta l-massa litiguza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem…"*

Fl-kawza fl-ismijiet Leslie Grech noe vs Frank Abela et il-Qorti kienet tal-istess fehma bhal fil-kaz hawn fuq u fil-kaz ta' Avv. Dr. Giuseppe Pace et vs Dr. Giuseppe Vella – 1/10/1948 regghet qalet:

*“Huwa pacifikament ammess mill-Qrati taghna li t-tassazzjoni tal-kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni; pero’ mhux fis-sens tas-semplici incartament, izda fis-sens ta’ l-oggett taghha. U f’dan is-sens il-kumpless ta’ dak li huwa in disputa…”*

KIF JIGI DETERMINAT IL-VALUR.

Artikolu 750 tal-istess Kap 12 jghid hekk: *“Il-valur tal-jedd temporanju ghac-cnus, renti, jew hlasijiet ohra ta’ kull sena, jigi determinat mill-ammont totali tar-renta netta ghaz-zmien li jkun fadal, billi r-renta ta’ kull sena tigi ikkalkulata meta ma tistax tigi determinata xorta’ohra, fuq tas-sena ta’ qabel”.*

Artikolu 755 tal-Kap 12 fuq imsemmi jipprovdi illi *“Fil-kawzi dwar l-ezistenza jew il-validita’ ta’ kuntratt ta’ kiri, inkella dwar it-tmiem taghhom qabel iz-zmien miftiehem, il-valur jigi stabbilit –*

*(a) fl-ewwel kaz, billi jinghad il-kera taz-zmien kollu li ghalih, bhal ma tippretendi l-parti, il-kuntratt ghandu jibqa’ jsehh; u*

*(b) fit-tieni kaz, billi jinghad il-kera ghaz-zmien kollu li jkun fadal biex jispicca l-kuntratt”.*

Artikolu 756 (1) tal-istess Kodici jghid illi: *“Ir-regola migjuba fil-paragrafu (b) ta’ l-ahhar artikolu qabel dan tghodd ghall-kawzi ta’ zgumbrament ta’ kerrej minhabba li jkun lura fil-hlas tal-kera, jew ghal-raguni legittima ohra”.*

F’dan il-kaz, il-valur huwa determinat mill-kuntratt ta’ kera bejn il-partijiet fil-kawza fuq imsemmija kif wkoll minn nota sottomessa mill-esponenti dwar il-valur tal-penali. Kif qalu tajjeb l-intimati fir-rikors taghhom, il-lokazzjoni li taghha intalbet ir-rizoluzzjoni hi wahda ta’ sitta u disghin (96) sena li bdiet f’Ottubru, 1988 bil-kera ta’ hamsa u tlettin lira Maltin (Lm35) kuljum u li toghla skond il-paga nazzjonali.

Il-valur ta’ din il-kawza mela huwa determinat mill-process skond ir-regoli imsemmija hawn fuq, cioe’ z-zmien

rimanenti tal-kirja mal-kera li ghandha tithallas matul il-perjodu li fadal u imbaghad applikat artikolu 13 ta' Tariffa E fuq imsemmija.

Ghalhekk l-esponeneti tirrispingi it-tezi tal-intimati li l-valur tat-talba / kawza huwa ndeterminat u kuntrarjament ghal dak li qed jallegaw l-intimati fir-rikors taghhom, tissottometti illi r-regoli misjuba f'artikolu 4 tal-Iskeda A mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghogobha tikkonferma l-korettezza tal-principji fuq imsemmija, il-korrettezza tat-taxxa in kwistjoni kif mahduma u mahruga jew kif emendata b'dawn il-proceduri u ghalhekk tichad it-talba tal-intimati.

Rat ir-risposta mressqa minn Dr. Hugh Peralta li biha wiegeb illi:

Il-kwistjoni involuta f'dan ir-rikors hija dwar it-tassazzjoni tad-drittijiet ghall-prestazzjoni professjonali mill-esponenti lill-intimati fil-kawza fl-ismijiet St. Georges Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et citazzjoni numru 1908/00GV.

L-esponenti kienet tippattrocinja lill-intimati izda irrinunzjat ghall-patrocinju tal-istess intimati waqt is-smiegh tal-kawza, wara li inghalqu l-proceduri bil-miktub izda qabel mal-kawza giet mhollija ghas-sentenza.

Permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, u notifikata fit-22 ta' Dicembru, 2003, l-esponenti interpellat lill-intimati thallas is-somma ta' disat elef hames mija wiehed u erbghin lira Maltin hamsa u hamsin centezmu (Lm9541.55) ghall-prestazzjonijiet professjonali fl-istess kawza hawn fuq imsemmija, skond taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti u VAT.

Permezz tar-rikors fl-ismijiet hawn fuq premessi, l-intimati qeghdin jattakkaw it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti ghar-rigward tad-drittijiet professjonali tal-esponenti.

Ir-rikors tal-intimati huwa bbazat fuq zewg punti principali:

(1) Il-fatt li la darba l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti, taxxa finali ta’ drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza;

(2) Il-metodu ta’ intaxxar uzat mir-Registratur huwa erronju u irregolari; u ma saret l-ebda referenza ghall-Kodici tal-Etika u Mgieba tal-Avukati.

**(1) TISTA TAXXA TIGI IKKALKULATA QABEL TIGI DECIZA L-KAWZA?**

L-esponenti jisottometti li l-argument tal-intimati li la darba l-kawza in kwistjoni ghadha pendenti quddiem il-Qorti, taxxa finali ta’ drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza, huwa nfondat u bla bazi. Avukat li jirrinunzja ghall-patrocinju tal-klijent tieghu ghandu dritt jithallas meta jittermina l-inkarigu tieghu tant li avukat iehor ma ghandux jaccetta inkarigu meta dan ikun gie moghti lill-avukat iehor, jekk ma jkunx cert li l-avukat precedenti gie mhallas skond il-ligi u dan wkoll a bazi tal-Kodici ta’ Etika u Mgiba ghall-avukati. Din hi wkoll prassi etikament korretta u ben stabilita fil-prestazjonijiet professjonali tal-Avukati fil-kamp extra-gudizzjali. Inoltre il-hlas hu dovut appena s-servizz jinghata u jew l-inkarigu jispicca jew jigi terminat. Dan hu wkoll applikat f’kazijiet ohra simili, per ezempju l-appalt. Taghmel wkoll sens li taxxa tirrifletti l-hlas dovut sal-perjodu tal-prestazjonijiet; altrimenti, jekk per ezempju tinhareg meta tispicca il-kawza tigi li tirrifletti hlas dovut ghall-servizi mhux moghotija (i.e. ghall-perjodu wara li l-inkarigu jispicca). Ghaldaqstant ir-Registratur tal-Qorti kellu kull dritt – anzi kellu l-obbligu – jirrilaxxa it-taxxa in kwistjoni lill-esponenti.

Jigi rilevat illi l-intimati stess kienu accettaw u qablu li jhallsu d-drittijiet professjonali tal-esponenti hekk kif jinhargilhom il-kont.

<u>VALUR TAL-PENALI</u>

L-intimati qed jallegaw illi l-esponenti prezentat nota fejn iddikjarat il-valur tal-penali *"ad insaputa"* tar-rikorrenti u mingħajr il-permess tagħha. Illi l-esponenti tirrispingi tali allegazjoni *stante* illi dan mhux minnu kif jirrizulta u jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kaz.

**(2) METODU TA' INTAXXAR**

Kif qalu ben tajjeb l-intimati fir-rikors taghhom d-drittijiet tal-avukati u l-prokuraturi legali huma determinati minn Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm il-klijenti u l-avukat ma kienux ftehmu li jithallas b'rati ohra permissibli mill-ligi.

L-esponenti jissottometti illi t-taxxa in kwistjoni hija koretta. It-tassazzjoni fil-kaz odjern ghandha tigi mibnija fuq paragrafu 14 u 13 ta' Tariffa E tal-Iskeda A. Fil-fatt it-taxxa in kwistjoni giet mahduma, ghall-finijiet ta' rinunzja tal-patrocinju skond il-ligi kif trid it-tariffa kif spiegat ahjar hawn taht. *"Dritt normali"* kif imsemmi f'para 33 ta' Tariffa E Skeda A tal-Kap 12, jfisser dritt mahdum skond il-ligi u mhux dritt intaxxat fl-ahhar tal-gudizzju kif qed jsostnu l-intimati. In oltre ir-Registratur agixxa fuq valur ta' penali skond nota prezentata mill-esponenti fuq l-awtorizazzjoni tal-intimati stess.

Paragrafu 14 ta' Tariffa E jipprovdi illi: *"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma valur determinat jew* ***determinabbli skond il-ligi jew mill-process****, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit".*

Paragrafu 13 hawn fuq imsemmi imbaghad jipprovdi illi: Ghal kull sentenza definittiva:

(iv) dwar l-ewwel Lm500 jew parti minnha…20.00,0 bhala l-inqas jew 10% skond liema jkun l-oghla;

(v) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel Lm500 sa Lm10,000 ghal kull Lm100…Lm3

(vi) dwar kull valur ‘il fuq minn Lm10,000 ghal kull Lm100…Lm1.

Kif qalu ben tajjeb l-intimati dritt ta’ avukat u prokuratur legali li jabbanduna l-klijent wara li jinghalqu l-proceduri bil-miktub izda qabel mal-kawza tigi mhollija ghas-sentenza huwa zewg terzi tad-dritt normali, skond para 33 fuq imsemmi.

VALUR DETERMINAT

Il-kawza numru 1908/00GV, fuq imsemmija li fuqha nharget it-taxxa tirrigwarda terminazzjoni ta’ kirja qabel iz-zmien *stante* ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt lokattizju relativ mill-konvenuti fl-istess kawza. Konsegwentement l-atturi fl-istess kawza talbu ir-rizoluzzjoni tal-kirja, l-izgumbrament tal-konvenuti f’zmien qasir u perentorju u l-likwidazzjoni u hlas ta’ penali skond l-istess kuntratt lokattizju.

L-esponenti jisottometti li l-intimati mhumiex korretti meta jghidu illi il-valur tal-kawza in kwistjoni huwa ndeterminat. Artikolu 748 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi *“Il-valur ta’ l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba-*

*(c) meta t-talba hija ghall-haga li l-valur taghha hu determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni jew f’xi kitba ohra li torbot lill-partijiet…”* Mela il-valur ta’ din il-kawza huwa determinat fil-kuntratt ta’ kera li ta’ kawza ghall-azzjoni tal-intimati.

Fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Axiak vs Avukat Dr. Giuseppe Vella 9/2/1951, L-Onorabbli Prim’Awla qalet:

*“Meta l-massa litiguza jkun jidher x’kien il-valur in kontestazjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x’ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem…”*

Fl-kawza fl-ismijiet Leslie Grech noe vs Frank Abela et il-Qorti kienet tal-istess fehma bhal fil-kaz hawn fuq u fil-kaz

ta' Avv. Dr. Giuseppe Pace et vs Dr. Giuseppe Vella – 1/10/1948 regghet qalet:

*"Huwa pacifikament ammess mill-Qrati taghna li t-tassazzjoni tal-kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni; pero' mhux fis-sens tas-semplici incartament, izda fis-sens ta' l-oggett taghha. U f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in disputa…"*

KIF JIGI DETERMINAT IL-VALUR.

Artikolu 750 tal-istess Kap 12 jghid hekk: *"Il-valur tal-jedd temporanju ghac-cnus, renti, jew hlasijiet ohra ta' kull sena, jigi determinat mill-ammont totali tar-renta netta ghaz-zmien li jkun fadal, billi r-renta ta' kull sena tigi ikkalkulata meta ma tistax tigi determinata xorta'ohra, fuq tas-sena ta' qabel".*

Artikolu 755 tal-Kap 12 fuq imsemmi jipprovdi illi *"Fil-kawzi dwar l-ezistenza jew il-validita' ta' kuntratt ta' kiri, inkella dwar it-tmiem taghhom qabel iz-zmien miftiehem, il-valur jigi stabbilit –*

*(c) fl-ewwel kaz, billi jinghad il-kera taz-zmien kollu li ghalih, bhal ma tippretendi l-parti, il-kuntratt ghandu jibqa' jsehh; u*

*(d) fit-tieni kaz, billi jinghad il-kera ghaz-zmien kollu li jkun fadal biex jispicca l-kuntratt".*

Artikolu 756 (1) tal-istess Kodici jghid illi: *"Ir-regola migjuba fil-paragrafu (b) ta' l-ahhar artikolu qabel dan tghodd ghall-kawzi ta' zgumbrament ta' kerrej minhabba li jkun lura fil-hlas tal-kera, jew ghal-raguni legittima ohra".*

F'dan il-kaz, il-valur huwa determinat mill-kuntratt ta' kera bejn il-partijiet fil-kawza fuq imsemmija kif wkoll minn nota sottomessa mill-esponenti dwar il-valur tal-penali. Kif qalu tajjeb l-intimati fir-rikors taghhom, il-lokazzjoni li taghha intalbet ir-rizoluzzjoni hi wahda ta' sitta u disghin (96) sena li bdiet f'Ottubru, 1988 bil-kera ta' hamsa u tlettin lira Maltin (Lm35) kuljum u li toghla skond il-paga nazzjonali.

Il-valur ta’ din il-kawza mela huwa determinat mill-process skond ir-regoli imsemmija hawn fuq, cioe’ z-zmien rimanenti tal-kirja mal-kera li ghandha tithallas matul il-perjodu li fadal u imbaghad applikat artikolu 13 ta’ Tariffa E fuq imsemmija.

Ghalhekk l-esponeneti jirrispingi it-tezi tal-intimati li l-valur tat-talba / kawza huwa ndeterminat u kuntrarjament ghal dak li qed jallegaw l-intimati fir-rikors taghhom, tissottometti illi r-regoli misjuba f’artikolu 4 tal-Iskeda A mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghogobha tikkonferma l-korettezza tal-principji fuq imsemmija, il-korrettezza tat-taxxa in kwistjoni kif mahduma u mahruga jew kif emendata b’dawn il-proceduri u ghalhekk tichad it-talba tal-intimati.

Rat li l-intimat Registratur naqas li jipprezenta risposta;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-15 ta’ Marzu, 2004, li in forza tieghu giet michuda talba tas-socjeta’ attrici li tressaq lil Dr. Victor Borg Grech bhala espert ex parte;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza b’citazzjoni numru 1908/00 deciza minn din il-Qorti fis-26 ta’ Frar, 2003, izda li hi pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell:

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat id-digrieti ta’ din il-Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li s-socjeta' attrici fethet kawza kontra s-socjeta' Clouds Catering Limited (citaz. 1908/00GV) f'liema kawza is-socjeta' attrici talbet dikjarazzjoni li s-socjeta' konvenuta kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt lokatizju vigenti bejn dawk il-partijiet, u konsegwentement talbet ir-rizoluzzjoni tal-kirja u l-izgumbrament tas-socjeta' konvenuta mill-fond lokat, kif ukoll il-likwidazzjoni u l-hlas tal-penali skond il-kuntratt. Il-penali iffissata kienet ta' Lm200 kuljum, u t-talba saret ghal-hlas tal-penali mid-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt da parti tas-socjeta' attrici sad-data meta s-socjeta' Clouds Catering Limited tivvaka l-istess fond.

Is-socjeta' attrici f'dawk il-proceduri kienet rapprezentata mill-Avukati Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Grima, li, pero', waqt is-smigh tal-kawza irrinunzjaw ghal-patrocinju taghha. Dawn talbu taxxa tad-drittijiet taghhom, li ghandu jigi regolat skond l-Iskeda A, Tariffa A u E tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-Registratur tal-Qorti hareg taxxa ufficcjali ghall-ammont ta' Lm11,062.66, liema taxxa qed tigi attakkata f'dawn il-proceduri mis-socjeta' attrici.

Huwa ammess li d-dritt ta' avukat u prokuratur legali li jabbanduna l-klijent wara li jinghalqu l-proceduri bil-miktub imma qabel mal-kawza tigi mhollija ghas-sentenza ghandu jkun zewg-terzi (2/3) tat-tariffa stabbilita' kif inhu l-kaz.

Is-socjeta' attrici qed tattakka t-tariffa fuq zewg punti:

(i) illi gialadarba l-kawza ghadha pendenti quddiem il-Qrati taxxa finali ta' drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma l-kawza tigi deciza; u

(ii) illi l-metodu ta' intaxxar uzat mir-Registratur kien erronju u irregolari.

Dwar l-ewwel punt, is-socjeta' attrici taghmel referenza ghall-paragrafu 33 tat-Tariffa E li tghid li d-dritt tal-Avukat li jitlaq lill-klijent jew jigi abbandunat mill-klijent huwa, fic-cirkustanzi ta' dan il-kaz, intitolat ghal-zewg terzi *"tad-dritt normali"*; hi tissottometti li d-*"dritt normali"* jista' jigi stabbilit

biss wara li kawza tigi definitivament deciza mill-Qrati, u allura ma jista’ jinhareg ebda dritt ghal-Avukat qabel ma’ l-kawza issir definitivament *res gudicata*.

Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Avukat li ma jibqax jippatrocinja klijent f’kawza ghandu dritt ghal-hlas tieghu immedjatament, u mhux obbligat joqghod jistenna li l-kawza tigi determinata, specjalment meta tqies li darba li Avukat johrog minn kawza ma jkollux aktar kontroll fuq l-andament tal-kawza. Biex jista’ jigi stabbilit x’inhu d-*“dritt normali”* mhux mehtieg li wiehed joqghod jistenna l-ezitu finali ta’ kawza biex dan jigi determinat, u dan jista jigi kkalkulat fi kwalunkwe stadju tal-kawza, specjalment wara li l-provi f’kawza jkunu maghluqa. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Manche’ vs Gauci Maistre”, deciza fl-20 ta’ Marzu, 1989, il-valur in kontestazzjoni ghandu johrog mill-massa litugjuza; b’hekk ghandu jigi studjat u ezaminat x’inhu l-oggett tat-talba u t-tassazzjoni issir *“ad valorem”* u mhux bhala semplici artikolu jew dikjarazzjoni. Fil-fatt, l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat li ma hemm xejn hazin u irregolari li taxxa tigi bazata fuq il-quantum tad-danni pretizi mill-attur f’mandat ta’ sekwestru. Hekk ukoll din il-Qorti fil-kawza “Tonna vs Staines et”, deciza fit-23 ta’ Frar, 1935, osservat li t-talba mhijiex dika biss li tinkiteb fic-citazzjoni: s-somma ta’ flus li ntalbet tista’ tidher miktuba f’kull kitba mressqa quddiem il-Qorti waqt is-smigh tal-kawza. *Kwindi*, r-Registratur, qabel ma johrog taxxa, m’ghandux ghalfejn jistenna s-sentenza biex johrog id-*“dritt normali”*, ghax dan jiddependi mill-massa litigjuza, u darba dan ikun jirrizulta, jista’ jipprocedi li johrog id-*“dritt normali”* tal-kawza, u wara jikkalkula dak dovut lill-Avukat li jkun telaq lill-klijent fil-kors tal-kawza skond il-paragrafu 33 indikat.

F’dan il-kaz, meta r-registratur gie mitlub johrog taxxa fil-kawza b’citazzjoni numru 1908/00, huwa kellu bizzejjed informazzjoni mill-massa litigjuza fuqhiex jibbaza l-kalkoli tieghu, u ma kellux ghalfejn jistenna l-ezitu finali. Id-*“dritt normali”* huwa bazat fuq dak li jirrizulta mill-process, u jekk ghandu fuqhiex jista’ jibbaza t-taxxa (anke xhieda tal-attur li jiddikjara li jippretendi danni aktar minn dawk indikati – “Sammut vs Reg. Qorti Superjuri”, deciza minn din il-Qorti

fit-22 ta' April, 1983), hu ghandu jipprocedi li johrog taxxa meta jigi mitlub li jaghmel dan ghal-skop legittimi, bhal ma hu l-kaz ta' Avukat li jitlaq lill-klijent jew jigi abbandunat minnu. *"Dritt normali"* jfisser dritt mahdum skond il-ligi u mhux dritt intaxxat fl-ahhar tal-gudizzju. *Kwindi*, l-Qorti ma taqbilx li r-registratur ma jistax johrog taxxa ghal-Avukat li jitlaq klijent qabel ma tinghata sentenza fil-kawza; hu jista' jaghmel dan meta, wara ezami tal-process u tal-kontestazzjoni, jara li ghandu indikazzjoni cara tal-valur li jkun *in issue* li fuqha huwa jista' jibbazza l-kalkoli tieghu.

Fit-tieni punt taghha, is-socjeta' attrici tilmenta li l-metodu ta' intaxxar uzat ma kienx wiehed regolari u skond il-ligi. Jidher li hemm disgwid bejn il-partijiet dwar jekk il-valur fil-kawza kienx wiehed determinat jew le, u anke dwar kif, fl-ewwel kaz, kellu jigi determinat.

Dwar l-ewwel kwistjoni, hu veru li l-valur ma hux determinat fic-citazzjoni, pero', l-paragrafu 14 tat-Tariffa E iqies valur indeterminat, meta l-valur ma jkunx determinat fit-talba jew *"determinabbli skond il-ligi jew mill-process"*. *Kwindi*, meta l-valur huwa determinabbli mill-process, ma jistax jinghad li l-valur in kontestazzjoni huwa wiehed indeterminat. Kif intqal fil-kawza "Micallef vs Micallef", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Lulju, 1946, *"f'materja ta' tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjali, l-principju enuncjat in linja ta' massima, illi t-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjali tigi regolata mid-domanda, jew mis-sentenza meta fid-domanda s-somma ma hiex determinata, ma hux inflessibili, imma ghandu jigi ragjonevolment kwalifikat, kif gie mill-gurisprudenza kwalifikat, bil-principju l-iehor illi meta minn dak li jissejjah 'il complesso del tema contenzioso', ossija 'massa litigiosa', ikun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur, avvolja d-domanda tkun ghal somma li ghandha tigi likwidata"* (ara wkoll fl-istess sens il-kawza "Axiak vs Vella", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 1951).

Issa fil-kawza b'citazzjoni numru 1908/00, kien hemm seba' talbiet. L-ewwel talba kienet wahda ghal-

dikjarazzjoni li kien hemm ksur tal-kuntratt mas-socjeta' konvenuta, liema talba giet intaxxata regolarment bhala dikjarazzjoni u mhux *ad valorem*.

It-tieni talba kienet tikkoncerna ordni ta' rizoluzzjoni tal-kuntratt ta' bini. L-artikolu 750 tal-Kap 12 jghid li:

*"Il-valur tal-jedd temporanju ghac-cens, renti, jew hlasijiet ohra ta' kull sena, jigi determinat mill-ammont totali tar-renta netta ghaz-zmien li jkun fadal, billi r-renta ta' kull sena tigi kkalkulata meta ma tistax tigi determinata xort'ohra, fuq tas-sena ta' qabel".*

L-artikolu 756(1) tal-istess Kap. 12, jghid, imbaghad, li f'kaz ta' kawzi ghal-zgumbrament ta' kerrej minhabba li jkun lura fil-hlas tal-kera, *"jew ghal-raguni legittima ohra"* (kif inhu dan il-kaz: zgumbrament minhabba ksur tal-kuntratt lokatizju), il-valur jinhadem billi jinghad il-kera ghaz-zmien kollu li jkun fadal biex jispicca l-kuntratt (skond l-artikolu 755(b) tal-istess Kap. 12).

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li l-kuntratt ta' kiri kien gie ppubblikat fil-15 ta' Ottubru, 1988, u l-kuntratt kien ghal-96 sena b'kera ta' Lm35 kuljum, liema kera kellha tizdied kull tant zmien skond iz-zieda fil-*minimum wage*. Dan il-kuntratt gie terminat fl-2000 meta kien ghad fadal madwar 84 sena ghal-gheluq tieghu.

Bil-kera ta' Lm35 kuljum, il-kera annwali tkun ta' Lm12,775. Id-deputat registratur, pero', ma hadimx fuq il-kera *"ghaz-zmien kollu li jkun fadal"*, izda fuq hames snin u dan skond istruzzjonijiet li ircieva fis-sens li fil-prattika, f'kazijiet bhal dawn, tinhareg taxxa fuq dak li jkun fadal sa sbatax-il sena. B'hekk, ghal din it-tieni talba, huwa hadem fuq valur ta' Lm63,875, u hareg it-taxxa relattiva.

Din il-parti tat-taxxa ma gietx accettata mill-Avukati intimati, u r-registratur, ghalhekk, talab il-parir ta' Dr. Victor Zammit, li huwa *Director Legal Services* fil-Qorti. Fuq parir ta' Dr. Zammit, ir-registratur tal-Qorti ta' istruzzjoni biex tinhareg taxxa gdida bil-valur tal-kirja jkun meqjus u mahdum skond l-artikolu 750 tal-Kap. 12, jigifieri

li t-taxxa tinhadem fuq iz-zmien kollu rimanenti, bir-rizultat li t-taxxa giet riveduta u d-dritt tal-Avukat zdied b'kollox minn Lm2320 ghal Lm8297. Il-Qorti taqbel ma din l-interpretazzjoni ghax, fil-fatt, tirrifletti dak li tghid il-ligi.

Il-Qorti m'ghandhiex tikkunsidra jekk hemmx jew le xi anomalia fil-ligi, specjalment meta dan jitqabbel mal-mod ta' kif tinhadem taxxa meta l-kawza tkun tittratta kuntratti ta' enfitewsi. Jista' jkun li meta l-Legislatur irregola kif tinhadem taxxa f'kaz ta' rizoluzzjoni ta' kuntratt ta' kera, ma kienx qed jahseb li l-kirjiet, specjalment dawk kummercjali, kienu se jkun ta' ammont gholi, pero', il-ligi hi cara, u meta jkun hekk, m'hemmx lok ghal interpretazzjoni ohra ghajr dik li tigi segwita dik literali. Kif gie kwotat fil-kawza "Waldorf Car Hire Ltd vs Habitat Ltd", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuru) fl-24 ta' Marzu, 2004,

*"La interpretazione delle leggi fiscali, anche nel dubbio, dev'essere quella letterale e non necessariamente quella piu' benigna al contribuente, ne' possono sempre le leggi tributarie interpretarsi colle regole di diritto comune"* (**Kollez Vol XXVIII pI p523**).

Irid jinghad ukoll illi *"ghad li hu veru in generali li l-applikazzjoni tal-ligi specjali dwar it-taxxa ma tistax tigi insulata mil-ligi civili ordinarja, huwa ugwalment veru li meta d-disposizzjoni tal-ligi specjali hi cara, jew insomma l-Qorti tkun tal-fehma li dik id-disposizzjoni ghandha jkollha certa interpretazzjoni, l-Qorti ma tistax tiddeklina milli tapplikaha ghalkemm jista' jkun jidher li hemm jew li jista' jkun hemm konflitt ma' l-ordinament taht il-ligi generali"* – **"**A.B. – vs – Joseph Mifsud Bonnici bhala Kummissarju tat-Taxxi Nterni" (Kaz numru 63), Appell, 20 ta' Awissu, 1967.

It-tielet talba kienet tikkonsisti f'ordni ta' zgumbrament konsegwenzali, u r-registratur qiesha bhala dikjarazzjoni normali u hareg taxxa a bazi ta' dikjarazzjoni.

Ir-raba, hames u sitt talbiet kienu jikkoncernaw talbiet ghal-kundanna, likwidazzjoni u hlas tal-penali. It-talbiet

relattivi ghal-kundanna u l-hlas tal-penali nhadmu a bazi ta' dikjarazzjoni, fil-waqt li t-talba ghal-likwiddazzjoni tal-penali nhadmet fuq Lm113,000. Skond il-kuntratt ta' kera u kif hu indikat fic-citazzjoni, il-penali kontemplata hi ta' Lm200 kuljum f'kaz li s-socjeta' konvenuta tonqos mill-obbligu taghha li tirrestitwixxi ic-cwievet tal-fond immedjatament mat-terminazzjoni tal-kirja (artikolu 11 tal-kuntratt). Is-socjeta' attrici, fic-citazzjoni, talbet il-hlas tal-penali kkalkulat mid-data tat-terminazzjoni sad-data tar-rilaxx effettiv.

Jinghad li ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici kien stqarr mal-Avukat li dawk il-penali mhux probabbli li jingabru, ma oggezzjonax li t-talba relattiva xorta wahda issir, ma ta' ebda istruzzjoni biex dik it-talba tigi eskluza mic-citazzjoni.

Biex haddem il-valur tal-penali, ir-registratur talab dikjarazzjoni minghand l-Avukati, u dawn resqu nota ghal-penali ta' valur ta' Lm113,800, li huma kkalkulaw mid-data tal-presentata tac-citazzjoni (19 ta' Settembru, 2000) sad-data li huma waqfu li jippatrocinaw lis-socjeta' attrici (10 ta' April, 2002). Fil-fatt, dan il-kalkolu huwa anqas minn dak mitlub mis-socjeta' attrici fic-citazzjoni, ghax, fil-fatt, it-terminazzjoni tal-kirja sehhet qabel il-presentata tac-citazzjoni u z-zmien tar-rilaxx effettiv ghadu ma sehhx. Il-valur indikat mill-intimati ghandu, ghalhekk, zgur jitqies bhala *"nominal ammount"*, li r-rappresentant tas-socjeta' rikorrenti jallega li indika lil-Avukat Peralta, specjalment meta tqies li potenzjalment is-somma tal-penali mitluba tista' twassal ghal-hafna aktar minn hekk. L-Avukati in kwistjoni, pero', qiesu li z-zmien kien sufficjenti ghal-kalkolu tal-hlas mitlub. Il-kalkolu li ghamlu l-Avukati intimati huwa wiehed skond il-ligi, peress li, kif intwera, anke meta t-talba tkun ghal-somma *da liquidarsi*, meta mill-massa litigjusa jirrizulta x'inhi s-somma li l-attur qed jippretendi, it-tassazzjoni ghandha tinhareg a bazi ta' dik is-somma.

Hu irrilevanti, ghal-fini ta' tassazzjoni, jekk il-Qorti finalment tilqax jew le talba simili, ghax it-taxxa trid xorta wahda tohrog fuq il-valur in kontestazzjoni. Il-valur ta'

kawza jitqies fuq it-talbiet (determinati jew determinabbli skond il-ligi), u mhux fuq l-interess effettiv tal-atturi ("Ellul Bonnici vs Buhagiar", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 1960). Fil-kawza "Micallef vs Micallef", gia kwotata, ghalkemm is-somma mitluba qatt ma giet likwidata, mill-atti tal-kawza kien jirrizulta x'kien qed jitlob l-attur fil-konfront tal-konvenuta, u l-valur tal-pretensjoni tieghu kienet giet allura determinata minn dak li jirrizulta mill-process. It-taxxa li hareg ir-registratur fuq dak il-valur li ssemma kienet wahda mahruga skond il-principji *ormaj* akkolti fil-gurisprudenza. F'dan il-kaz ukoll, ghalkemm ir-registratur mexa fuq nota li pprezentawlu l-Avukati, din in-nota hija bazata fuq dak li johrog mill-process kollu, u *kwindi* kienet tirrifletti dak li kien qed jigi mitlub fil-kawza. Fil-fatt, il-pretensjoni tas-socjeta' attrici kienet ghal-aktar mis-somma indikata fin-nota, u *kwindi* zgur li ma jistax jinghad li t-taxxa inhadmet kontra l-interessi tas-socjeta' rikorrenti.

L-ahhar talba fic-citazzjoni, li kienet talba ghal-kundanna tal-konvenut personalment *in solidum* mas-socjeta' konvenuta, giet intaxxata fuq dikjarazzjoni.

*Kwindi*, it-taxxa mahruga mir-registratur fit-18 ta' Lulju, 2003, u notifikata lis-socjeta' rikorrenti b'Ittra Ufficcjali tal-15 ta' Dicembru, 2003, ghandha titqies li inhadmet validament u skond il-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------